**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Andrea Galea**

Kaz Numru: 262/16

Illum 10 ta' Lulju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrea Galea, iben John Mary u Valerie nee' Barbara, imwieled Pieta', fit-18 ta' Frar 1997 u residenti 12, Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa, detentur ta' karta tal-identita' 74897(M):

U nakkuzah talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Mejju 2016 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (3:00 am) gewwa Havana, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Joseph Sean Vine a tenur tal-Artikolu 217, 218 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad armi, strumenti u ghodod ohra li tigi klassifikata bhala arma irregolari a tenur tal-Artikolu 64 (2) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u u bil-glied a tenur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Joseph Sean Vine skont l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht l-artikoli indikati fl-istess nota.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 64, 214, 215, 216, 217, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ma jsibux l-applikazzjoni taghhom l-artikoli 383 u 382A tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat